L-Akkademja tal-Malti għadha kemm organizzat konferenza biex tfakkar il-250 sena mit-twelid ta' Vassalli. In-nies attendiet bi ħġarha u mliet is-sala ta' Dar l-Ewropa fit-3 ta' Diċembru 2014 għal "Lejlet Vassalli 250".

Matulha tnidew żewġ kotba. Il-ktieb fuq l-Avukat Pace, miktub minn Karmenu Bonavia, ġie ppreżentat minn Dr Giovanni Bonello. Il-ktieb l-ieħor, fuq it-tagħrif bijografiku ta' Vassalli miġbur fil-karti ta' Panzavecchia, miktub minn David Agius Muscat u Olvin Vella, ġie ppreżentat mill-Mons. Ġwann Azzopardi.

Dr Mario Cassar qara studju fuq il-kunjomijiet miġburin fid-dizzjunarju ta' Vassalli. Studju ieħor kien ippreżentat minn Dr William Zammit, li tkellemfuq l-isfidi soċjali u kulturali marbuta mat-traduzzjoni u l-istampar tal-bibbja bil-Malti fi żmien Vassalli.

Il-konferenza għalaqha l-Prof. Frans Ciappara, b'appell imqanqal biex min jirriċerka lil Vassalli (bħal f'riċerki oħra) joqgħod attent biex jikteb storja, u mhux lista' ta' ġrajjiet li jibqgħu ma jaqbdux l-essenza, ir-ruħ u l-ansjetà tal-persunaġġ.

Il-konferenza fetaħha s-segretarjutal-Akkademja Joseph P. Borg u mexxiha l-Viċi President Dr George Farrugia.

It-tieni parti tal-konferenza se ssir fis-7 ta' Jannar. Min jixtieq tagħrif ieħor, iżur il-paġna tal-FB tal-Akkademja.